# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 10/2020 SG**

**Gauci Jesmond**

**vs**

**Kunsill Dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta**

**Illum it-Tnejn, 9 ta' Awwissu 2021**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ppreżentat mir-rikorrenti fid-29 ta' Diċembru 2020 fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"1. Illi l-esponenti kellu l-warrant sabiex jeżerċita l-professjoni ta' għalliem ai termini tal-Att dwar l-Edukazzjoni, Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi b'sentenza tat-28 ta' Ġunju 2017 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġudikatura Kriminali fl-atti tal-kawża "Il-Pulizija (Spettur Sylvana Briffa u Spettur Joseph Busuttil) vs Jesmond Gauci" huwa instab ħati ta' akkuaża taħt l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali u ġie kkundannat għal priġunerija għal perijodu ta' tnax-il xahar sospiżi għal tliet (3) snin;*

*3. Illi in segwitu għal dik is-sentenza, b'deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2017 meħuda ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap. 327, il-Kunsill intimat kien issospenda l-warrant tal-esponenti;*

4. *Illi wara li għadda t-terminu ta' tliet snin li għal tulu l-priġunerija li għaliha kien ikkundannat l-esponenti kienet sospiża, l-esponenti talab li l-warrant ta' għalliem jingħata lura lilu, u dan permezz ta' ittra tad-29 ta' Ottubru 2020l*

5. *Illi din it-talba tal-esponenti ġiet deċiża mill-Kunsill intimat b'deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru, li ġiet innotifikata lill-esponenti permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2020;*

6. *Illi din l-ittra kienet tinforma lill-esponenti bid-dritt tiegħu li jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal jekk iħoss ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni tal-Kunsill intimat;*

7. *Illi l-esponenti ħass ruħu ferm aggravat b'din id-deċiżjoni għaliex il-motivazzjoni li fuqha hija bbażata hija waħda legalment skorretta, u għaliex id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill hija waħda ultra vires kif sejjer jintwera iktar tard f'dan ir-rikors u matul it-trattazzjoni tal-kawża;*

8. *Illi infatti l-Kunsill innifsu ħass li huwa għandu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 30(a) tal-Kap. 327.*

9. *Dan l-artikolu jipprovdi kif ġej:*

> *"30.(1) Ebda persuna ma tikkwalifika li tikseb jew ma għandha żżomm warrant skont dan l-Att jekk dik il-persuna tkun insabet ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:*
>
> *(a) ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' iktar minn sena priġunerija; jew*
>
> *..."*

10. *Huwa kompla jispjega li l-akkuża li dwarha l-esponenti instab ħati kienet dik stabbilita taħt l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 202 tal-istess Kodiċi.*

11. *Issa, f'dan ir-rigward għandu jittieħed inkonsiderazzjoni dak li kien jinsab f'dawn iż-żewġ artikoli dakinhar li fih ġie kommess ir-reat mill-esponenti, għaliex dawn iż-żewġ artikoli kienu suġġett għal emendi importanti ħafna bis-saħħa tal-Att XIII.2018, jiġifieri mhux biss wara li l-esponenti kien ikkommetta r-reat li tiegħu instab ħati imma saħansitra wara li ngħatat is-sentenza kontra tiegħu.*

12. *L-esponenti qiegħed jannetti kopja mill-verżjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli kif kienet dakinhar tar-reat. Minn din il-kopja jirriżulta li l-piena massima li għaliha kien suġġett l-esponenti (i)* ***ma kinitx ta' iktar minn sena u (ii) ma kien hemm l-ebda aggravju tat-tip ikkunsidrat mill-Kunsill fis-sentenza tiegħu u ċjoe l-aggravju applikabbli ai termini tal-artikolu 202(k) minħabba li l-vittimi kienu persuni vulnerabbli.***

13. *Jidher li l-Kunsill ġie kompletament żvijat f'din il-kunsiderazzjoni tiegħu għaliex ma rrealizzax li l-artikolu 202(k), fil-verżjoni tiegħu eżistenti llum, kien ġie introdott biss fl-2018 u għalhekk ma kienx japplika ratione temporis għall-fattispeċje tal-każ odjern;*

14. *Il-Kunsill kompla jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu b'referenza għall-artikolu 24 tal-Kap. 327, li jipprovdi kif ġej:*

> *"(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, persuna tikkwalifika għal warrant taħt dan l-Att kemm-il darba –*
>
> *(a) hija ċittadin ta' Malta, jew xort'oħra jkollha permess biex taħdem f'Malta taħt xi liġi; u*
>
> *(b) hija ta' kondotta tajba; u*
>
> *(ċ) jkollha kapaċità legali sħiħa; u*
>
> *(d) tkun kisbet" (il-kwalifiki li jissemmew f'dak l-artikolu).*

15. *Illi sabiex wasal għal din il-konklużjoni tiegħu, il-Kunsill abbina u għaqqad ir-rekwiżiti stabbiliti taħt l-Artikolu 24 tal-Kap. 327 ma' dawk tal-Artikolu 30 u rraġuna li sabiex l-esponenti ma jitlifx il-warrant tiegħu kien neċessarju li fil-mument tal-applikazzjoni tiegħu huwa jissodisfa dawn ir-rekwiżiti kollha flimkien.*

16. *Dan ir-raġunament huwa wieħed żbaljat.*

17. *Qari akkurat tal-artikoli 24 u 30 tal-Kap. 327 juri li dawn iż-żewġ artikoli qegħdin intiżi sabiex jirregolaw żewġ stadji kompletament differenti u separati tal-karriera professjonali ta' persuna li titlob, u tkun otteniet, warrant sabiex tipprattika l-professjoni ta' għalliem.*

18. *L-artikolu 24 jirregola l-istadju inizjali li fih persuna titlob għal dak il-warrant l-ewwel darba f'ħajjitha. Mentri l-artikolu 30 imbagħad jirregola stadju sussegwenti li fih jiġi kkunsidrat jekk dik il-persuna għandhiex tibqa' żżomm dak il-warrant. Ma hemm xejn fl-artikolu 30 li jipprovdi li fl-istadju li l-Kunsill jiġi biex jikkunsidra jekk il-warrant ta' dik il-persuna jistax, jew għandux, jittieħdilha, dak il-Kunsill għandu l-fakultà li jibbaża d-deċiżjoni tiegħu ukoll fuq ir-rekwiżiti riżultanti mill-artikolu 24.*

19. *Minn dan isegwi li jekk, bħal fil-każ tal-esponenti, ir-reat li jkun wettaq id-detentur ta' warrant ma jkunx suġġett għal piena ta' priġunerija ta' iktar minn sena, il-Kunsill jista' jirrevoka, jissospendi jew jneħħi l-warrant ta' dik il-persuna għaliex dik il-persuna tista' issa titqies li ma hijiex ta' kondotta tajba.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha hawn fuq elenkati u dawk ir-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, hija titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

1. *Jiddikjara bħala nulla u ineffettiva d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta fis-16 ta' Diċembru 2020, u nnotifikata lill-esponenti permezz ta' ittra tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha dak il-Kunsill iddeċieda li l-esponenti ma għandux jiġi reintegrat fil-warrant tiegħu ta' għalliem.*

*U b'digriet tat-2 ta' Marzu 2021, ġiet ordnata korrezzjoni sabiex it-talba taqra:*

1. *Jiddikjara bħala nulla u ineffettivat d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta fis-16 ta' Diċembru 2020, u nnotifikata lill-esponenti permezz ta' ittra tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020, u iktar tard permezz ta' ittra oħra tas-7 ta' Jananr 2021, li permezz tagħha dak il-Kunsill iddeċieda li l-esponenti ma għandux jiġi reintegrat fil-warrant tiegħu ta' għalliem.*

*Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa l-istess Kunsill huwa inġunt."*

Ra r-risposta tal-kunsill intimat fejn ġe eċċepit:

*"1. Illi r-rikorrent bit-talba unika tiegħu qiegħed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara nulla u ineffettiva d-deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 tal-esponent Kunsill li permezz tagħha l-istess Kunsill iddeċieda illi r-rikorrent ma għandux jiġi reintegrat fil warrant tiegħu bħala għalliem;*

***Fatti:***

2. *llli r-rikorrent kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex jiġi ġġudikat fir-rigward tas-segwent reati taħt l-:*

   (i) *Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (ii) *Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (iii) *Artikolu 207 b'referenza għall-Artikolu 202(k) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (iv) *Artikolu 208AC(1)(g) u 208AC(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (v) *Artikolu 208B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (vi) *Artikolu 251A(1)2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (vii) *Artikolu 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (viii) *Artikolu 17,18,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (ix) *Artikolu 49(c) tal-Kaptiolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 201*[1]*7 (Annessa u mmarkata bħala Dok K1) r-rikorrent instab ħati tat-tielet imputazzjoni kif elenkata 'il fuq u ġie kkundannat għall-perjodu ta' sena priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienet sospiża għal perjodu ta' tlett (3) snin;*

3. *Illi in vista tas-sentenza fuq citata l-Kunsill intimat permezz ta' Ordni maħruġa skont l-* **artikolu 30 tal-Kap 327 ta***l-Liġijiet ta' Malta fis-6 ta' Settembru 2017 neħħa l-warrant tar-rikorrent;*

4. *Illi fid-29 t'Ottubru 2020, ir-rikorrent għamel applikazzjoni lil-Kunsill sabiex l-esponent Kunsill jikkunsidra illi jagħtih lura l-warrant t'għalliem. Illi l-Kunsill wara li reġa kkunsidra is-sentenza citata 'il fil-konfront tar-rikorrent tat is-segwenti rakomandazzjoni (numru ta riferenza: 0001473 G):*

   *"Having considered all of the above, the Council hereby recommends that Mr Jesmond Gauci should* *<u>NOT</u> be awarded a teacher's warrant (temporary or permanent) in terms of the Education Act."*

   *Illi din ir-rakomandazzjoni sussegwentament ġiet konfermata mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni permezz ta ittra datata 7 ta' Jannar 2021 u dan ai termini tal-artikolu 32 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi fil-fehma tal-esponent din id-deċiżjoni saret skont il-liġijiet applikabbli u għaldaqstant għandha tiġi konfermata;*

***Il-Lanjanzi tar-Rikorrent***

5. *Illi r-rikorrent allega illi d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill hija waħda ultra vires stante illi:*

   (i) *Il Kunsill ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-artikolu 30(a) tal-Kap. 327 ta'* **Malta;**
   (ii) *l-akkuża li nstab ħati tagħha ir-rikorrent kienet dik stabbilita taħt l-artikolu* ***207*** **biss u mhux l-artikol***u 202 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
   (iii) *illi sabiex ikompli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu il-Kunsill esponent applika l-artikolu 24 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod żbaljat;*

6. *Illi dawn il-lanjanzi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi spjegat f'din ir-risposta;*

***L-Eccezzjonijiet tal-esponent Kunsill:***

**A.** ***Dwar*** *l-Artikolu 30(a) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 207 u 202 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

---

[1] Il-Pulizija vs Jesmond Gauci (Nru 85/2014), Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali deciza fit 28 ta' Ġunju 2017

7. *Illi r-rikorrent qiegħed jallega illi l-artikolu 30(a) tal-Kap. 327 Liġijiet ta' Malta ma japplikax fil-każ odjern. Dan l-artikolu jipprovdi illi persuna m'għandhiex tibqa żżomm il warrant jekk dik il-persuna tkun insabet ħatja minn qorti ta' ġurisidizzjoni kriminali ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' <u>iktar minn sena</u> priġunerija.*

6. *Illi fis-sentenza* ***Vincent Carabott vs Ministru tal-Edukazzjoni u l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta***[2] *l-Qorti tal-Appell fil-kompetenza inferjuri kkunsidra S-segwenti fuq din disposizzjoni tal-liġi:*

> *"8. Il-piena għad-delitt li tiegħu nstab ħati l-appellant tvarja bejn disa' xhur u tmintax-il xahar. Għalhekk għad-delitt li wettaq seta' kien kundannat piena massima ta'tmintax-il xahar, li hi iktar mis-sena li tissemma f'paragrafu (a). Hi mbagħad fid-diskrezzjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali jekk l-appellant kellux ikun ikkundannat għal piena inqas.*
>
> *9. Jibda biex jingħad li għal finijiet ta' paragrafu (a) tal-artikolu 30(1) tal-Kap.327 mhux importanti x'piena jkun ingħata l-għalliema, imma x'piena jġorr id-delitt li jkun instab ħati li wettaq l-għalliem."*

*Illi huwa ċar mis-sentenza fuq citata illi l-artikolu 30(a) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix importanza lil piena li fil-fatt tkun ingħatat mill-qorti ta' ġudikatura kriminali iżda tħares lejn il-piena potenzjali li seta' jieħu l-persuna illi l-artikolu japplika għalih. Illi r-rikorrent indika illi huwa nstab ħati taħt l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-piena massima taħt dan l-artikolu hija ta' sena biss. Iżda dan ir raġunament huwa żbaljat għal kollox stante illi meta wieħed b'reqqa jħares lejn il id disposizzjoni tal-liġi kif kienet fi żmien li sar ir-reat mill-attur, ir-rikorrent naqas milli jsemmi l-proviso tal-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi is-segwenti:*

> *"Iżda fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad."*

*Għalhekk huwa ċar illi l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandux jiġi kkunsidrat biss illi jagħti piena ta sena massima ta' priġunerija iżda dan l-artikolu jagħti lok għal piena li tmur oltre sena prigunerija stante illi l-piena f'dan il-kuntest tista' tiżdied bi grad. Illi fil-każ odjern ma hemmx dubju illi r-rikorrent setgħa kien soggett għall possibilità ta piena ta' oltre minn sena stante illi fit-tielet imputazzjoni fin-nota ta' Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Generali it-tielet imputazzjoni hija s-segwenti:*

[2] Deciza fil-25 ta' Marzu 2019;

*"3. fl-Artikolu 207 b'referenza għall-Artikolu 202(k) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,"*[3]

*Għalhekk il-Kunsill kien korrett meta semma l-artikolu 202(k) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet* ***ta' Malta*** *fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu għax fl-aħħar mill-aħħar meta wieħed jikkunsidra* ***l-artikolu 207 ta****l-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax ukoll ma jikkunsidrax l-artikolu 202 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi l-proviso huwa parti integrali tal-artikolu* ***207 tal Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta****. Għalhekk il-Kunsill kien korrett meta ċċita l* ***artikol****u 30(a) tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rakomandazzjoni tiegħu stante illi taħt l-artikolu 307 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa possibli li piena tmur oltre is sena priġunerija kif rikjest taħt dak l-artikolu għaliex hemm possibilita illi l-imputat jiġi kkundanat b'piena li tiżdied bi grad;*

7. *Illi mingħajr presudizzju għas-suespost l-esponent Kunsill fir-rakomandazzjoni tiegħu ma indikax illi huwa għamel il kunsiderazzjonijiet tiegħu abbażi tal-artikolu 30(a) tal Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta* *<u>biss</u>* *iżda kkwota l-artikolu 30 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet* ***ta' Malt****a fit-totalità tiegħu:*

*"30.(1) Ebda persuna ma tikkwalifika li tikseb jew ma għandha żżomm warrant skont dan l-Att jekk dik il-persuna tkuninsabet ħatja minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali:*

*(a) ta' xi delitt li għalih hemm piena ta' iktar minn senapriġunerija; jew*

*(b) li abbużat mill-fiduċja tal-istudenti jew talli għamlet użu minn vjolenza fuqhom; jew*

*(c) ta' xi delitt li minħabba fih dik il-persuna fil-fehmatal-Kunsill tista' ma tkunx idonea li tipprattika ta'għalliem fi skola."*

*Fost il-kriterji applikabbli hemm ukoll il-paragrafi (b) u (c) illi ukoll japplikaw għal każ odjern meta wieħed jikkunsidra illi r-reat li kien instab ħati għalih ir-rikorrent kien "attentat għall-pudur bil-vjolenza" kontra minorenni. Illi huwa ċar illi anke jekk għas saħħa tal-argument ir-reat taħt l-artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jinkwadrax taħt il-paragrafu (a) tal-artikolu 30 tal-Kap, 327 tal-Liġijiet ta' Mal****ta dato ma non concesso****, is-serjeta tar-reat kommess mir-rikorrent jaqa' ukoll taħt il-kriterji misjuba fil-paragrafi (b) u (c) u għalhekk l-artikolu 30 fit-totalità tiegħu japplika hawn. Tant hu serju ir-reat kommess illi l-leġislatur żied il-piena taħt l-artikolu 207 tal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minn massimu ta' sena b'possibilita li l-piena tiżdied bi grad għal* ***<u>seb</u>a' snin b'poss<u>ibilit</u>a li l-<u>piena tiżdied bi grad</u>.***

[3] Il-Pulizija vs Jesmond Gauci (Nru 85/2014), Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali deċiża fit 28 ta' Ġunju 2017, pg 3

*Għaldaqstant kull minn fejn tħares il-Kunsill kien korrett fl-interpretazzjoni tal-liġi tiegħu meta ddeċieda illi l-attur m'għandux jerġa jkollu l-warrant t'għalliem;*

## B. Artikolu 24 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta

8. *Mal-lanjanza tiegħu r-rikorrent żied illi l-intimat Kunsill kompla "jimmotiva" d-deċiżjoni tiegħu b'referenza għall-Artikolu 24 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta u dan skontu kienet applikazzjoni żbaljata tal-liġi stante illi l-imsemmi artikolu japplika biss meta wieħed ikun għadu fl-istadju inizzjali illi jakkwista l-warrant, għalhekk huwa tajjeb naraw x'eżattament qal il-Kunsill in referenza għal dan l-artikolu:*

   *Mr Gauci is hereby reminded in terms of Article 24 of the Education Act "a person shall not exercise the teaching profession... unless such person is the holder of a warrant issued this Act." Mr Gauci is also reminded also that in terms of Article 38(3) of the Education Act, "Any person who, not being the holder of a warrant issued under the Act practises the teaching profession or carries out any education practice in contravention of the provisions of the this Act, shall be guilty of an offence against this Act."*

   *Illi tajjeb jiġi sottolineat illi dan il-paragrafu jiġi wara r-rakomandazzjoni tal-Kunsill illi r rikorrent m'għandux jieħu l-warrant. Fis-silta kwotata l-Kunsill mhux qed jagħmel referenza għall-artikolu 24 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta biex ikompli jimmotiva r rakomandazzjoni tiegħu iżda qiegħed jirreferi għaliha sabiex ifakkar ir-rikorrent illi mingħajr warrant huwa ma jistax jipprattika bħala għalliem stante illi semma ukoll l* ***artikolu 38(3) tal-Kap. 327 ta****l-Liġijiet ta' Malta li titkellem fuq il-konsegwenzi jekk wieħed jipprattika bħala ta' għalliem mingħajr warrant;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost il-Kunsill esponent umilment ma jaqbilx ma dak sottomess mir-rikorrent. L-argument tar-rikorrent huwa fis-sens illi jekk tkun ħadt il-warrant t'għalliem taħt l-aritkolu 24 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta, għalliem m'għandux jibqa josserva dawk ir-rekwiżiti. Bl-argumentazzjoni tiegħu ir-rikorrent qiegħed jagħti x'jifhem illi ġialadarba wieħed jikseb il-warrant t'għalliem, l-għalliem għandu jkollu carte blanche għax l-artikolu 24 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta japplika għall-stadju differenti fil-karriera tiegħu. Dan l-argument ma jreġġix specjalment meta fost ir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu hemm rekwiżiti bħal kapaċità legali sħiħa u li l-persuna jkun ta' kondotta tajba. Għalhekk huwa ċar illi l-intenzjoni tal-leġislatur kien li dawn ir rekwiżiti ikomplu japplikaw tul il-karriera tal-għalliem u mhux fil-bidu tagħha biss.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talba tar-rikorrent fl-interita' tagħha bl-ispejjeż kontra l istess attur."*

Sema' x-xhieda.

Ra d-dokumenti kollha eżebiti.

Sema' trattazzjoni finali.

Ra l-atti kollha ta' din il-kawża, kif ukoll l-atti kollha tal-kawża Pulizija vs Jesmond Gauci deċiża fit-28 ta' Ġunju 2017.

Ra li dan ir-rikors ġie differit għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Il-każ li għandu quddiemu dan it-Tribunal huwa dwar ir-rikorrenti li huwa għalliem li tneħħietlu l-warrant b' ordni maħruġa ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta fis-6 ta' Settembru 2017 u dana in vista ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Sylvana Briffa u Spettur Joseph Busuttil) vs Jesmond Gauci fejn ir-rikorrenti instab ħati ta' waħda mill-imputazzjonijiet li kien tressaq dwarha u ġie kkundannat priġunerija għal perijodu ta' tnax-il xahar sospiżi għal tlett snin.

Sussegwentement, wara li għaddew it-tlett snin indikati fl-imsemmija sentenza, ir-rikorrenti talab li l-warrant ta' għalliem jingħata lura lilu. F' rakkomandazzjoni tal-kunsill intimat datata 16 ta' Diċembru 2020 u li ġiet ikkonfermata permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2021 mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni, l-istess rikorrenti ġie nfurmat li t-talba tiegħu ġiet miċħuda.

Ir-rikorrenti għalhekk appella minn din id-deċiżjoni bl-aggravji jkunu li:

(i) id-deċiżjoni meħuda hija waħda skorretta għaliex hija bbażata fuq dak li jgħid l-artikolu 30(a) tal-Kap 327 iżda ma tteħidtx in konsiderazzjoni l-verzjoni ta' l-artikoli 207 u 202 tal-Kodiċi Kriminali kif kienu viġenti u applikabbli fi żmien li seħħ ir-reat;

(ii) il-motivazzjoni kienet ibbażata wkoll fuq dak li jistipola l-artikolu 24 tal-Kap 327, liema artikolu huwa intiż biex jirregola l-istadju inizijali li fih persuna titlob għal warrant għall-ewwel darba f' ħajjitha.

Il-Kunsill intimat oġġezzjona għal tali appell.

Dwar l-ewwel aggravju u ċioe' dwar l-artikolu 30(a) tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 207 u 202 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-Tribunal iqis li huwa jaqbel ma' l-insenjament kontenut fis-sentenza Vincent Carabott vs Ministru tal-Edukazzjoni u l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f' Malta deċiża fil-25 ta' Marzu 2019 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fejn ingħad li għal finijiet ta' l-artikolu

30(a) tal-Kap 327, mhux importanti l-piena li ngħata l-għalliem iżda x' piena iġorr id-delitt li jkun instab ħati li wettaq l-għalliem.

Issa l-argument tal-kunsill intimat huwa bbażat fuq il-fatt li għalkemm l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien meta seħħ ir-reat, kien jistipola li l-piena massima taħt dan l-artikolu hija ta' sena priġunerija, l-istess proviso ta' dan l-artikolu kien jistipola li fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 202, il-piena tiżdied bi grad. Per konsegwenza ġie argumentat, li fl-artikoli mniżżla mill-Avukat Ġenerali ġie mniżżel l-artikolu 207 b' referenza għall-Artikolu 202 (k) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-piena kienet tmur oltre is-sena priġunerija, għaliex kien hemm possibilita' li l-imputat Jesmond Gauci jiġi kkundannat b' piena li tiżdied bi grad.

Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti argumenta fis-sens li fiż-żmien li meta seħħ ir-reat ma kienx għadu introdott l-artikolu 202(k) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk, Jesmond Gauci ma setax jiġi assoġġettat għal piena ikbar minn dik stipulata fl-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn qari tal-atti proċesswali tal-proċedura kriminali, jirriżulta li l-imputat instab ħati fir-rigward tat-tielet imputazzjoni fil-konfront ta' minuri waħda u li dawn l-allegati atti seħħew fl-2010 u għalhekk fi żmien meta l-artikolu 202 (k) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx għadu introdott.

It-Tribunal qies ukoll li nonostante dak li ġie mniżżel fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lil Jesmond Gauci ħati ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu fir-rigward ta' minuri waħda wara li qieset l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik il-Qorti fl-ebda ħin ma għamlet aċċenn li rat l-artikolu 202(k) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, f' dan il-każ partikolari, Jesmond Gauci nstab ħati abbażi tal-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-piena li jġorr id-delitt li jkun instab ħati li wettaq l-għalliem kienet ta' massimu ta' sena priġunerija f' dak iż-żmien li seħħ ir-reat. Il-fatt li fl-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jissemma l-artikolu 202 u l-fatt li l-artikolu 202(k) tal-Kap 9 ġie msemmi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali ma jfissirx għalhekk li l-piena li jġorr id-delitt li nstab ħati tiegħu Jesmond Gauci kienet teċċedi sena priġunerija għaliex skont l-artikolu 202, il-piena setgħet tiżdied bi grad. Jesmond Gauci ma nstabx ħati taħt l-artikolu 202 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda biss taħt l-artikolu 207 u għalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-artikolu 30(1)(a) tal-kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax.

Madanakollu, dak li jonqos li jikkunsidra r-rikorrenti, huwa li fid-deċiżjoni meħuda mill-kunsill intimat, l-istess kunsill intimat għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu abbażi tal-artikolu 30 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta fl-intier tiegħu. In fatti, fir-rakkomandazzjoni mertu ta' dan l-appell, dan l-artikolu ġie kkwotat fl-intier tiegħu

inklużi s-subartikoli (1) (b) u (1) ( c) tal-Kap 327. Fl-istess rakkomandazzjoni, wara li ġie kkwotat l-artikolu 30(1) kollu intqal:

"*The Council referred to the fat that in view of the* ***above provision*** *and the* ***nature and the circumstances of the offence committed****, Mr Gauci was considered to no longer be qualified to hold a permanent teacher's warrant.......The Council notes that the three-year period of suspension of Mr Gauci's sentence of imprisonment has now elapsed and that Mr Gauci was not convicted of another criminal offence durng that period. Nevertheless, the Council notes that this does not in any way detract from the finding of guilt or from the* ***nature of the offence*** *which was committed."* (sottolinjar magħmul minn dan it-Tribunal).

Fix-xhieda mogħtija minn Dr Mattea Farrugia fit-3 ta' Ġunju 2021, hija kienet ċara meta kkonfermat bil-ġurament tagħha li d-deċiżjoni ttieħdet anke fid-dawl ta' l-artikolu 30(1)( c) tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"Apparti minn hekk, bhala Kunsill, ahna kkunsidrajna ovvjament is-sub-section C tal-Artikolu tletin (30), fejn, jekk persuna tinstab hati ta' reat li minhabba n-natura taghha, fl-opinjoni tal-Kunsill, tista' tinpingi fuq l-idonjeta' ta' persuna, ovvjament, u f'dan il-kaz partikolari...*

*Qorti: Jigifieri f'dan il-kaz partikolari mhux biss minhabba li r-reat, qed tghidu intom, kien jaqbez minn sena 'il fuq prigunerija?*

*Xhud: No.*

*Qorti: Imma wkoll minhabba n-natura tar-reat.*

*Xhud: Minhabba n-natura u din kienet l-iktar, jigifieri, il-Ligi ttina wkoll li persuna li titlef il-warrant taht l- 'A', tista' terga' tapplika u jekk il-Kunsill jikkunsidra li minhabba c-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-persuna, jigifieri l-Ligi hija awtomatika, imma l-Kunsill tista' mbaghad terga' tikkunsidra. Kellna kazijiet fejn, per ezempju, kien hemm incident awtomobilistiku, li persuna wehel iktar minn sena prigunerija. Il-Kunsill rega' kkunsidra l-kaz. Jigifieri...*

*Qorti: Kif taghmel biex tikkunsidra l-kaz? Jergghu jitolbu?*

*Xhud: Jergghu japplikaw bhalma ghamel is-sur Gauci. Fil-fatt is-sur Gauci rega' applika, il-Kunsill rega' kkunsidra l-kaz tieghu u l-Kunsill baqa' jhoss, jigifieri, fl-intier tieghu, u l-Kunsill kien unanimu li minhabba n-natura, specjalment tar-reat, il-Kunsill ma hassux komdu li jerga' jinhareg. Ovvjament, il-Kunsill ma jergax jidhol fil-mertu tal-kaz. Joqghod fuq id-decizjoni, imma jigifieri s-sejba ta' htija hemm kienet u l-Kunsill ihoss......*

*Qorti: Hekk hu. Imma f'dan il-każ it-Tribunal qed jifhem li mhux fuq hekk biss ġiet mitluba t-tiġdid jew ir-ri-attivar tal-warrant jew il-ħruġ ta' warrant ġdid. Imma in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ x'kien.*

*Xhud: Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

*.....Dr. A. Borg: Mela, dan it-tip ta' reat taħt l-Artikolu tletin (30) jiġifieri mhux jolqot biss l-Artikolu thirty 'A' (30A) imma jolqot il-grounds l-oħra. Qed nifhem sewwa?*

*Xhud: Yes. Aħna meta naraw li hemm referenza...*

*Qorti: Il-ħames (5) imputazzjoni kien? Iva ok.*

*Xhud: Aħna meta naraw li hemm reat li jkollu, li hemm fih involut speċjalment minuri...*

*Qorti: Minuri.*

*Xhud: I mean, ovvjament, bħala Kunsill, qegħdin hemm proprjament, aħna niċċekkjaw u nitolbu l-fedina penali ta' kull applikant proprjament mhux biex naraw x'qed jiġri fil-ħajja tan-nies, imma biex nevitaw proprju dawn it-tip ta' ċirkostanzi. Li nixtieq nenfasizza huwa li bħala Kunsill, aħna nitrattaw ukoll l-etika tal-għalliema. Jiġifieri anke fejn ikun hemm qrubija bejn għalliem u student...*

*Qorti: X'inhi? Qrubija. Ehe?*

*Xhud: Qrubija bejn għalliem u student li ma jikkostitwix reat kriminali, imma hija relazzjoni li m'hijiex idoneja u kif suppost ta' bejn għalliem, m'hemmx dik id-distanza professjonali. Persuna tista' tinstab li kiser il-Kodiċi tal-Etika u jista' jitneħħielu l-warrant. Issa, f'dan il-każ, il-qrubija u r-relazzjoni kien reat kriminali. Jiġifideri, bħala Kunsill, aħna lanqas hemm għalfejn li jkun hemm sitwazzjoni li jikkostitwixxi reat kriminali biex ikun hemm ċirkostanza li m'hijiex kif suppost. Aħseb u ara f'ċirkostanza bħal dan hux."*

Għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għal dak li ġie deċiż dwar dik il-parti tad-deċiżjoni li kienet ibbażata fuq l-artikolu 30(1)(a) tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta, ġialadarba d-deċiżjoni in eżami ttieħdet mhux biss abbażi ta' dak li jingħad fl-artikolu 30(1)(a) tal-Kap 327 iżda wkoll abbażi ta' l-artikolu 30(1)(c) tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma huwiex ser jgħaddi biex jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Dwar it-tieni aggravju u ċioe' l-artikolu 24 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-Tribunal iqis li r-rekwiżiti taħt l-artikolu 24 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta xorta waħda jibqgħu japplikaw anke f' każijiet bħal dawn in eżami. Ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 24 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jibqgħu viġenti anke fi stadji ulterjuri u mhux sempliċiment fl-istadju inizjali ta' meta persuna tapplika għal

warrant ta' għalliem. In oltre, ġialadarba r-rikorrenti kien tneħħielu l-warrant fis-6 ta' Settembru 2017 (ara premessa numru 3 fir-risposta tal-kunsill intimat), ir-rikorrenti kellu jerġa' jitlob li jingħata l-warrant u għalhekk semmai xorta waħda kellu jissodisfa r-rekwiżiti ta' l-artikou 24 tal-Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tribunal jinnota li fost ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 24 tal-Kap 327, hemm li persuna tkun (a) ċittadin ta' Malta, jew xort'oħra jkollha permessbiex taħdem f'Malta taħt xi liġi; u (b) hija ta' kondotta tajba; u (ċ) jkollha kapaċità legali sħiħa; u (d) tkun kisbet ċerti kwalifiki. Għaldaqstant, dawn huma rekwiżiti li għandhom ikunu preżenti anke tul il-karriera ta' għalliem u mhux sempliċiment rekwiżiti li japplikaw fil-bidu biss tal-karriera ta' għalliem.

Apparti minn dan kollu, fir-rakkomandazzjoni in eżami, saret referenza għall-Artikolu 24 tal-Kap 327 peress li l-applikazzjoni għal warrant saret ai termini ta' l-artikolu 24 stess (ara l-aħħar paragrafu ta' l-ewwel paġna tar-rakkomandazzjoni tas-16 ta' Diċembru 2020). Kien għalhekk li mbagħad ġie kkunsidrat wkoll l-artikolu 24 tal-Kap 327 fit-tielet paragrafu tat-tieni paġna tar-rakkomandazzjoni tas-16 ta' Diċembru 2020. Ir-referenza mbagħad għall-artikolu 24 tal-Kap 327 fil-ħames paragrafu tat-tieni paġna tar-rakkomandazzjoni tas-16 ta' Diċembru 2020 saret biss mhux bħala motivazzjoni għar-rakkomandazzjoni mogħtija iżda sabiex ir-rikorrenti jiġi mfakkar li mingħajr warrant ma jistax jipprattika l-professjoni ta' għalliem.

Għalhekk, anke dan l-aggravju sejjer jiġi miċħud.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq premessi, dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.**

(ft) Maġistrat Dr. Simone Grech
President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur